

Brussell, 28 ta' April 2025
(OR. en)

8352/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0099(NLE)**

**POLCOM 77
SERVICES 20
FDI 6
COASI 57**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' April 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 183 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand, fir-rigward tal-emendi għal dak il-Ftehim dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 183 final.

Mehmuż: COM(2025) 183 final.



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.4.2025
COM(2025) 183 final

2025/0099 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand, fir-rigward tal-emendi għal dak il-Ftehim dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand¹ ("il-Ftehim") b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ li temenda l-Artikolu 19.3(3) u (5) tal-Ftehim. L-emenda proposta tal-Artikolu 19.3(3) tipprevedi l-inklużjoni ta' ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa fil-lista ta' prinċipji u drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol f'konformità mar-Riżoluzzjoni I² adottata fl-10 ta' Ġunju 2022 mill-Konferenza Ġenerali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO"), li ltaqgħet fil-110 Sessjoni tagħha ("il-110 Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol"). Barra minn hekk, l-emenda proposta tipprevedi l-aġġornament tar-referenza għad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol billi tirreferi għall-aħħar emenda tagħha fil-110 Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol. Fl-aħħar nett, wara l-aħħar emenda għad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u b'rabta mal-emendi għall-Artikolu 19.3(3), l-emenda proposta tipprevedi wkoll it-tħassir ta' nota f'qiegħ il-paġna fl-Artikolu 19.3(5).

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand

Il-Ftehim għandu l-għan "*li jilliberalizza u jiffaċilita l-kummerċ u l-investment, kif ukoll li jippromwovi relazzjoni ekonomika aktar mill-qrib bejn il-Partijiet*". Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2024.

Il-Kapitolu 19 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli) tal-Ftehim għandu l-għan li "*jsaħħaħ l-integrazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari d-dimensjonijiet ambjentali u soċjali tiegħu (b'mod partikolari l-aspetti tax-xogħol), fir-relazzjoni kummerċjali u ta' investment bejn il-Partijiet, inkluż permezz tat-tisħiħ tad-djalogu u tal-kooperazzjoni*".

2.2. Il-Kumitat għall-Kummerċ

Il-Kumitat għall-Kummerċ huwa stabbilit skont l-Artikolu 24.1 ("il-Kumitat għall-Kummerċ") tal-Ftehim. L-Artikolu 27.1(3) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat għall-Kummerċ jista' jemenda l-Ftehim fejn previst fl-Artikolu 24.3 tal-Ftehim. L-Artikolu 24.3(j) jipprevedi li l-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjonijiet biex jemenda l-Artikolu 19.3(3) u (4) (Standards u ftehimiet multilaterali tax-xogħol) tal-Kapitolu 19 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli).

L-Artikolu 19.3(4) jipprevedi li l-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta, mhux aktar tard mill-ewwel laqgħa tiegħu, deċiżjoni biex jemenda l-Artikolu 19.3(3) biex iżid ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa mal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol.

¹ Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (ĠU L, 2024/866, 25.03.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/866/oj)

² Riżoluzzjoni dwar l-inklużjoni ta' ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa fil-qafas tal-ILO tal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol (ILC.110/Resolution I) https://www.ilo.org/sites/default/files/wcmsp5/groups/public/%40ed_norm/%40relconf/documents/mee tingdocument/wcms_848632.pdf

2.3. L-att previst tal-Kumitat għall-Kummerċ

Kif previst fl-Artikolu 19.3(4) tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ huwa previst li fl-ewwel laqgħa tiegħu jadotta deċiżjoni (“l-att previst”) biex jirrifletti fl-Artikolu 19.3(3) l-inklużjoni ta’ ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa fil-qafas tal-ILO tal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol. Jenħtieġ li l-att previst jimmodifika wkoll ir-referenza għad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol biex jirrifletti l-emenda tagħha fil-110 Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-att jemenda l-Artikolu 19.3(5) billi jħassar in-nota f’qiegħ il-paġna f’dak l-artikolu.

L-għan tal-att previst huwa li jemenda l-Artikolu 19.3(3) u (5) tal-Ftehim kif ġej:

- (1) jenħtieġ li referenza għad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol tiġi aġġornata billi tiġi speċifikata l-aħħar emenda tagħha adottata fil-110 sessjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fl-2022;
- (2) jenħtieġ li ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa jiżjed mal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol elenkati fl-Artikolu 19.3(3); kif ukoll
- (3) jenħtieġ li n-nota f’qiegħ il-paġna skaduta fl-Artikolu 19.3(5) titħassar.

L-emenda proposta għall-Artikolu 19.3(3) u (5) tirrifletti r-Risoluzzjoni I adottata fl-10 ta’ Ġunju 2022, fejn il-110 Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fost l-oħrajn:

1. “Tiddeċiedi li temenda l-paragrafu 2 tad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol biex jinkludi, wara l-kliem “l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjegi u x-xogħol”, il-kliem “u (e) ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa”, u li jagħmel l-emendi konsegwenzjali għall-Anness tad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol kif ukoll għad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal globalizzazzjoni Ġusta u għall-Patt Globali għall-Impjegi, kif speċifikat fl-Anness għal din ir-risoluzzjoni.”.

L-att previst se jsir vinkolanti fuq il-Partijiet f’konformità mal-Artikolu 24.5(1) tal-Ftehim, li jipprevedi: “*Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat għall-Kummerċ, jew, skont il-każ, minn kumitat speċjalizzat, għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet*”.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F’ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ mehmuż ma’ din il-proposta.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’korp stabbilit fi ftehim, meta dak il-korp jintalab jadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi atti li għandhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-

istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE*”³.

4.1.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kumitat għall-Kummerċ huwa korp stabbilit fi ftehim, jiġifieri l-Ftehim ta’ Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand.

L-att li l-Kumitat għall-Kummerċ huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att li jkollu effetti ġuridiċi. L-att previst ikun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu 24.5(1) tal-Ftehim.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. **Bażi legali sostantiva**

4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-oġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw il-politika kummerċjali komuni.

Għaldaqstant, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

4.3. **Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-bażi legali tad-deċiżjoni proposta tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. **PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST**

Billi l-att tal-Kumitat se jemenda l-Ftehim, huwa xieraq li dan jiġi ppubblikat f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara li jiġi adottat.

³ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand, fir-rigward tal-emendi għal dak il-Ftehim dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244⁴ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2024.
- (2) Skont l-Artikolu 24.2(2)(i) tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ, stabbilit bl-Artikolu 24.1(1) tal-Ftehim, jista' jadotta deċiżjonijiet biex jemenda l-Ftehim. Skont l-Artikolu 24.3(j) tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jiddeċiedi li jemenda l-Artikolu 19.3(3) u (4) tal-Ftehim dwar standards u ftehimiet multilaterali tax-xogħol.
- (3) Skont l-Artikolu 19.3(4) tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ jista', mhux aktar tard mill-ewwel laqgħa tiegħu, jadotta deċiżjoni biex jemenda l-Artikolu 19.3(3) tal-Ftehim biex jirrifletti ż-żieda ta' ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa fil-qafas tal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO").
- (4) Il-Kumitat għall-Kummerċ, matul l-ewwel laqgħa tiegħu, għandu jadotta deċiżjoni biex jiżdied ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa mal-lista ta' prinċipji u drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol fl-Artikolu 19.3(3) f'konformità mar-Riżoluzzjoni I⁵ adottata fl-10 ta' Ġunju 2022 mill-Konferenza Ġenerali tal-ILO, li ltaqgħet fil-110 Sessjoni tagħha. Jenħtieġ li r-referenza għad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol fl-Artikolu 19.3(3) tiġi aġġornata għall-allinjament mal-emenda l-aktar reċenti tagħha.
- (5) Wara l-emenda għall-Artikolu 19.3(3), id-dikjarazzjoni fin-nota f'qiegħ il-paġna tal-Artikolu 19.3(5) li l-Istati Membri kollha rratifikaw il-konvenzjonijiet fundamentali

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244 tas-27 ta' Novembru 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (ĠU L, 2024/244, 28.02.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/244/oj>)

⁵ Riżoluzzjoni dwar l-inklużjoni ta' ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa fil-qafas tal-ILO tal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol (ILC.110/Resolution I) https://www.ilo.org/sites/default/files/wcmsp5/groups/public/%40ed_norm/%40relconf/documents/mee-tingdocument/wcms_848632.pdf

tal-ILO ma għadhiex valida. Għalhekk jidher xieraq li titħassar in-nota f'qiegħ il-paġna fl-Artikolu 19.3(5).

- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ, peress li d-deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ ser tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (7) L-aħħar emenda għad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol għandha ssir referenza għaliha fl-Artikolu 19.3(3), għandu jżided ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa mal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol elenkati fl-Artikolu 19.3(3) u nota f'qiegħ il-paġna skaduta għandha titħassar fl-Artikolu 19.3(5),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*